MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2008

Citazzjoni Numru. 9/2008

Paul Micallef

Vs

Dayana Micallef

Il-Qorti,

**Kompetenza – Tribunal Ekklezjastiku.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-6 ta' Mejju 2008 li permezz tieghu l-attur qieghed jitlob li l-Qorti tiddikjara li z-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendenti fid-19 ta' Settembru 1993 hu null ghar-raguni li l-kunsens kien vizjat min-naha tal-konvenuta b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali, jew b'anomalija psikologika li

taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif ukoll il-kunsens taghha nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg u ta' wiehed jew iktar mill-elementi necessarja tal-hajja mizzewga.

Permezz ta' l-ewwel eccezzjoni l-konvenuta qeghda ssostni li din il-Qorti m'hijiex kompetenti ghaliex it-Tribunal Ekklesjastiku tad-Djocesi ta' Ghawdex fid-29 ta' April 2005 fuq talba tal-istess attur tat digriet "ta' l-Accettazzjoni-Konvokazzjoni (27 ta' Mejju 2008)." (fol. 10). Il-konvenuta ssostni li ladarba kien hemm tali proceduri quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku, l-attur ma setax jipprocedi quddiem din il-Qorti u fic-cirkostanzi l-Qorti ghandha tiddikjara li m'hijiex kompetenti li tisma' u tiddecidi din il-kawza.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Lulju 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghas-seduta tal-lum sabiex tinghata sentenza parzjali dwar l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidrat:-

1. Fil-qosor il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-
(a) Il-kontendenti zzewwgu fid-19 ta' Settembru 1993.
(b) Matul iz-zwieg twieldu Alistair u Gordon.
(c) Fis-17 ta' Dicembru 2004 l-attur beda proceduri ta' annullament quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku.
(d) B'digriet ta' l-accettazzjoni tal-petizzjoni moghti fis-27 ta' Mejju 2008 (fol. 12), il-kontendenti gew infurmati li t-talba mressqa mill-attur giet accettata *"....bil-ghan li skond l-istess normi tad-Drittu Kanoniku tigi studjata u deciza b'sentenza t-talba li l-attur qed jaghmel a bazi tad-dubju/i konkordat/i."*.
(e) Permezz ta' ittra datata 22 ta' Mejju 2008 (fol. 13) il-konvenuta ressqet talba quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku ghal annullament.
(f) Il-proceduri quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku ghadhom pendenti u kien biss ricentement li l-kontendenti deheru ghall-ewwel darba quddiem it-Tribunal.

2. Permezz ta' emenda li saret bl-Att XXIV tal-1995 ghall-Artikolu 30 tal-Kap. 255, fejn hemm proceduri ta' annullament quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku:

(4) Meta azzjoni għad-dikjarazzjoni tan-nullità ta' żwieġ kattoliku tinġieb quddiem il-qorti, il-qorti għandha taċċerta ruħha mill-kompetenza tagħha skond dan l-Att.

Dan in kwantu skond l-istess provvediment, il-Qorti ghandha tissospendi s-smiegh ta' kawza ta' annullament quddiemha, fejn hemm proceduri ta' annullament pendenti qudiem il-Tribunal Ekklezjastiku. Pero' dan il-provvediment japplika **biss** ghal dawk iz-zwigijiet li jigu celebrati wara li dahlet fis-sehh l-emenda bl-Att I tal-1995 (Artikolu 30[1] tal-Kap. 255). Fil-kaz taghna z-zwieg gie celebrat fid-19 ta' Settembru 1993, cjoe' zwieg li ghalih ma japplikawx l-imsemmija emendi in kwantu dawn dahlu fis-sehh matul l-1995. Ghalhekk m'hemmx dubju li dan il-provvediment m'huwiex applikabbli, u anzi japplika l-Artikolu 35 tal-istess ligi:

**35.** Mingħajr preġudizzju għall-artikoli 21 sa 31, id-Dritt Kanoniku għandu, safejn kellu effett bħala parti mill-liġi ta' Malta dwar iż-żwieġ, jieqaf mis-seħħ, u kull ġurisdizzjoni dwar iż-żwieġ tkun fil-qrati ta' Malta skond id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

3. Inoltre, il-fatt li hemm proceduri ta' annullament pendenti quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku ma jfissirx b'daqshekk li din il-Qorti ma tibqax kompetenti. Tant is-sitwazzjoni m'hijiex kif iddeskriviha d-difensur tal-konvenuta li kien hemm il-htiega ta' emenda fil-ligi sabiex f'certu kazijiet it-Tribunal Ekklezjastiku jinghata kompetenza esklussiva. Wiehed ma jridx jinsa wkoll li kawzi quddiem it-Tribunal jigu decizi skond id-dritt kanoniku, filwaqt li l-qrati civili ma japplikawx din il-ligi. Ghalhekk ma jistax iregi l-argument li m'ghandux ikun hemm, fl-istess hin, kawzi pendenti quddiem it-Tribunal u l-Qorti ghaliex jista' jkollok decizjonijiet konfliggenti.

Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-kawza bis-smiegh tal-provi. Spejjez a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------